# KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

## Programm Leġiżlattiv u ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2009 – Naġixxu issa għal Ewropa aħjar

KUMM (2008) 712 finali

Joseph Fenech
Direttur
Direttorat għall-Affarijiet tal-Unjoni Ewropea
Uffiċċju tal-Prim Ministru

Programm Leġiżlattiv u ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2009

- Komunikazzjoni adottata mill-Kummissjoni Ewropea fil-5 ta' Novembru 2008 u maqsuma f'żewġ volumi
- Volum I – It-test proprju tal-Komunikazzjoni
- Volum 2 – Jinkludi lista ta' inizjattivi strateġiċi (12) u ta' prijorita` (37); lista ta' inizjattivi ta' simplifikazzjoni (33); u lista ta' proposti pendenti li se jiġu rtirati (20)

# Komunikazzjoni mifruxa fuq erba' taqsimiet:

1. Żminijiet ta' prova għall-Ewropa
2. Il-prijoritajiet għall-2009
3. Regolamentazzjoni aħjar – it-twettiq tal-wegħdiet u bidla fil-kultura regolatorja
4. Nikkomunikaw l-Ewropa

## Żminijiet ta’ prova għall-Ewropa

- Il-kriżi finanzjarja u t-tnaqqis fl-ekonomija
- Żieda fil-prezzijiet tal-ikel u tal-enerġija
- Il-proċess tar-ratifika tat-Trattat ta’ Liżbona u l-”LE” fir-referendum Irlandiż
- Il-konflitt fil-Ġeorġja

## Żminijiet ta' prova għall-Ewropa

Biex twettaq ħidmietha b'mod effettiv, il-Kummissjoni:

- kellha turi ħeffa, determinazzjoni, flessibilita` u solidarjeta`
- taħdem fi sħubiji ma' l-atturi l-oħrajn ewlenin involuti, jiġifieri l-Parlament Ewropew, il-Kunsill, l-Istati Membri, is-soċjeta` ċivili u ċ-ċittadini f'kull livell

# Żminijiet ta' prova għall-Ewropa

- Rebbiegħa 2009 – il-Kummissjoni ser tippubblika dikjarazzjoni ta' dak li kisbet sabiex tinbena Unjoni Ewropea tas-seklu 21
- Ġunju 2009 – isiru l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew
- 2009 – il-Kummissjoni tipproponi r-reviżjoni tal-baġit
- 2009 – ħames anniversarju mit-tkabbir ta' l-Unjoni (2004) u għoxrin sena mill-waqa` tal-Ħajt ta' Berlin

# Il-prijoritajiet għall-2009

- It-tkabbir u l-impjiegi
- Il-bidla fil-klima u Ewropa sostenibbli
- Ewropa qrib iċ-ċittadini
- L-Ewropa bħala Sieħeb Dinji

## Il-prijoritajiet għall-2009 –
## It-Tkabbir u l-Impjiegi

Il-ħidma tal-Kummissjoni ser tinkludi:

- Miżuri prattiċi li jagħtu forma ġdida lill-qafas regolatorju għas-sistema finanzjarja tal-UE
- Reġim regolatorju tajjeb għas-suq uniku, inkluż fil-qasam tas-servizzi finanzjarji
- Għajnuna biex tinkiseb l-approvazzjoni tal-miżuri mħabbra fil-ħarifa 2008 dwar ir-rekwiżiti tal-kapital, garanziji tad-depożiti u aġenziji ta' klassifikazzjoni ta' kreditu, kif ukoll regoli ġodda fuq il-kontabbilita`

## Il-prijoritajiet għall-2009 –
## It-Tkabbir u l-Impjiegi

- Il-preżentazzjoni ta' pakkett ta' miżuri finanzjarji li jkopri l-adegwatezza tar-regolamentazzjoni, is-superviżjoni u t-trasparenza tal-atturi finanzjarji kollha u tal-investituri importanti kollha fis-suq kapitali
- Iktar liberta` lill-SMEs biex jikkonċentraw fuq il-bini tan-negozju tagħhom
- Taħriġ/taħriġ mill-ġdid biex jiġu promossi l-ħiliet addattati għall-ekonomija ta' għada
- Investiment fir-riċerka u l-iżvilupp

## Il-prijoritajiet għall-2009 – It-Tkabbir u l-Impjiegi

- Ħidma biex tingħata aktar setgħa lill-konsumaturi
- Inizjattivi li jiffaċilitaw lin-negozji fis-suq uniku permezz ta' approċċi mtejba lejn it-tassazzjoni u l-immodernizzar tal-qafas għan-negozju
- Tiġdid ta' l-istrateġija tal-Kummissjoni dwar iż-żgħażagħ
- Progress dwar il-proposti fuq il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, il-kunsilli tax-xogħol u l-aħjar bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja tal-familja

## Il-prijoritajiet għall-2009 –
## It-Tkabbir u l-Impjiegi

- Is-Sena Ewropea tal-Kreattivita` u l-Innovazzjoni
- Twaqqif ta' l-ewwel Komunita` għat-Tagħrif u l-Innovazzjoni fi ħdan l-Istitut Ewropew għat-Teknoloġija
- Id-dħul tas-Slovakkja fiż-żona €
- Analiżi dwar kif l-istrateġija ta' Liżbona tista' tkun adattata għaż-żmien wara l-2010

# Il-prijoritajiet għall-2009 –
# Il-Bidla fil-Klima u Ewropa Sostenibbli

- Il-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar il-Bidla fil-Klima (f'Kopenħagen)
- Impenn biex il-pakkett tal-miżuri (dwar it-tliet għanijiet li jridu jintlaħqu sal-2020) jiġi adottat b'mod sħiħ qabel l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew
- Ir-Reviżjoni Strateġika dwar l-Enerġija tal-Kummissjoni
- Riflessjoni dwar il-ġejjieni ta' l-Istrateġija tal-Iżvilupp Sostenibbli
- Konsultazzjoni dwar ir-riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd fil-kuntest tal-Politika Marittima Integrata tal-Unjoni

## Il-prijoritajiet għall-2009 –
## Ewropa qrib iċ-ċittadini

- Iċ-ċittadin Ewropew jibqa' fil-qalba tal-proġett Ewropew
- Infurzar effettiv tar-regoli tal-protezzjoni tal-konsumatur
- Inizjattivi li jtejbu s-sigurta` ta' l-ikel, is-saħħa pubblika, kif ukoll is-saħħa ta' l-annimali
- Żvilupp akbar tal-kunċett tal-Unjoni bħala żona ta' Ħelsien, Sigurta` u Ġustizzja
- Prijorita` lill-Politika Komuni dwar l-Immigrazzjoni
- Twaqqif tan-Netwerk Ewropew tal-Migrazzjoni

# Il-prijoritajiet għall-2009 – L-Ewropa bħala Sieħeb Dinji

- It-tkomplija tal-proċess ta' tkabbir (Kroazja), l-iżvilupp tal-perspettiva Ewropea għall-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, u attenzjoni lin-negozjati mat-Turkija
- Ħidma biex ikunu żviluppati l-Proċess ta' Barċellona: Unjoni għall-Mediterran u s-Sħubija tal-Lvant
- Kollaborazzjoni effettiva mal-amministrazzjoni Amerikana l-ġdida
- Prijorita` għat-tlestija ta' l-Aġenda ta' Doha għall-Iżvilupp
- Relazzjonijiet ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw abbażi tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju

# Regolamentazzjoni aħjar – it-twettiq tal-wegħdiet u bidla fil-kultura regolatorja

- Enfasi fuq it-titjib tal-kwalita` ta' proposti ġodda, is-simplifikar ta' leġiżlazzjoni eżistenti u t-tnaqqis ta' piż amministrattiv
- It-Tielet Reviżjoni Strateġika ta' Regolamentazzjoni Aħjar
- Titkompla l-ħidma dwar it-titjib tal-applikazzjoni tal-liġi tal-Komunita`

## Nikkomunikaw l-Ewropa

- 2009 – l-ewwel sena fejn il-prijoritajiet inter-istituzzjonali ser ikunu miftehma mill-Kunsill, mill-Parlament Ewropew u mill-Kummissjoni taħt id-dikjarazzjoni konġunta dwar Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija

## Nikkomunikaw l-Ewropa –
## il-prijoritajiet tal-komunikazzjoni inter-istituzzjonali previsti għall-2009

- L-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-2009
- L-Enerġija u l-Bidla fil-Klima
- L-għoxrin anniversarju tal-bidla demokratika fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant
- Appoġġ għat-Tkabbir, Impjiegi u Solidarjeta` (inkluż referenza għas-Sena Ewropea tal-Kreattivita` u l-Innovazzjoni 2009)

## Nikkomunikaw l-Ewropa – prijoritajiet oħrajn tal-komunikazzjoni previsti għall-2009

- Ġejjieni ta' Ewropa għaċ-ċittadini
- L-Ewropa fid-Dinja

## Pożizzjoni tal-Gvern dwar il-Programm Leġiżlattiv u ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2009

- Fuq nota ġenerali, il-Gvern jilqa' din il-Komunikazzjoni dwar il-Programm Leġiżlattiv u ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2009, u jħares 'il quddiem lejn is-sehem attiv tiegħu fid-diskussjonijiet fuq l-inizjattivi differenti msemmija

## Pożizzjoni tal-Gvern dwar
## il-Programm Leġiżlattiv u ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2009

- Il-Gvern jieħu nota, fost affarijiet oħra, ta' l-enfasi li qed issir fuq il-Politika Komuni dwar l-Immigrazzjoni u l-importanza tal-politika barranija, l-aktar fejn tidħol il-promozzjoni ta' sħubiji ma' pajjiżi terzi fir-rigward tal-ġestjoni tal-migrazzjoni

## Pożizzjoni tal-Gvern dwar il-Programm Leġiżlattiv u ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2009

- Il-Gvern jappoġġja l-pjanijiet tal-Kummissjoni li tkompli tibni u tiżviluppa r-relazzjoni fit-tul tagħha ma' msieħba ewlenin fix-xhur li ġejjin
- Huwa fatt pożittiv li r-rwol li l-politika barranija tal-Unjoni għandu jkollha fil-ħidma biex jintlaħqu l-miri tal-2009, huwa nkluż bħala waħda mill-prijoritajiet għal din is-sena

# Pożizzjoni tal-Gvern dwar il-Programm Leġiżlattiv u ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2009

- Il-Gvern jieħu nota tal-objettivi tal-politika dwar l-enerġija tal-Unjoni, partikolarment dawk il-miżuri ntiżi li jwasslu għal enerġija Ewropea sigura, sostenibbli u kompetittiva, u jaqbel illi fil-ġejjieni jkun hemm benefiċċji x'jissarrfu mill-inizjattivi li jittieħdu fl-ambitu tal-Politika Ewropea tal-Viċinat

# Pożizzjoni tal-Gvern dwar il-Programm Leġiżlattiv u ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2009

- Il-Gvern iqis il-Komunikazzjoni dwar Trasport aktar ekoloġiku bħala waħda pożittiva u jaqbel fil-prinċipju mal-parti l-kbira tal-inizjattivi li qed jiġu proposti, partikolarment ma' miżuri maħsuba sabiex itaffu l-effetti tal-bidla fil-klima u s-sħana globali permezz tat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet tad-diossidu karboniku u ż-żieda fl-effiċjenza tal-enerġija

## Pożizzjoni tal-Gvern dwar
## il-Programm Leġiżlattiv u ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2009

- Il-Gvern jappoġġja l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tipproponi strateġija ta' riċerka u innovazzjoni tal-ICT li għandha twassal biex l-Ewropa tkun fuq quddiem nett fl-iżviluppi f'dan is-settur, tgħin fit-tkabbir ta' negozji ġodda u tagħmel użu aħjar mill-innovazzjonijiet fl-ICT biex tindirizza sfidi soċjo-ekonomiċi ewlenin

## Pożizzjoni tal-Gvern dwar il-Programm Leġiżlattiv u ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2009

- Il-Gvern jaqbel illi t-tlestija tal-Aġenda ta' Doha għall-Iżvilupp tibqa' prijorita` għolja minħabba l-effetti pożittivi li jkun hemm għan-negozju fid-dinja u t-tkabbir ekonomiku globali

## Pożizzjoni tal-Gvern dwar
## il-Programm Leġiżlattiv u ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2009

- Il-Gvern jaqbel li s-simplifikar u l-immodernizzar tal-ambjent regolatorju huwa parti essenzjali ta' l-aġenda ta' Regolamentazzjoni Aħjar u jaqbel fil-prinċipju mal-programm kontinwu ta' simplifikazzjoni tal-Kummissjoni

## Pożizzjoni tal-Gvern dwar
## il-Programm Leġiżlattiv u ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2009

- Il-Gvern jappoġġja l-ħidma tal-Kummissjoni dwar it-titjib tal-applikazzjoni tal-liġi tal-Komunita`, u jikkunsidra kwalunkwe` proposta ġdida tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward, għax dan ikun ta' benefiċċju għaċ-ċittadini Ewropej
- Iżda, fl-istess ħin, il-Gvern jinsisti li tali inizjattivi tal-Kummissjoni m'għandhomx jinkludu miżuri li jkabbru l-piż amministrattiv fuq l-iStati Membri

## Pożizzjoni tal-Gvern dwar
## il-Programm Leġiżlattiv u ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2009

- Il-Gvern jaqbel illi n-nuqqas ta' brevett uniku u li joffri valur għall-flus jibqa' difett ċar tas-suq uniku. Dan in-nuqqas huwa kkunsidrat fil-kuntest tal-isforzi tal-Gvern li jdaħħal l-innovazzjoni fl-intrapriża nazzjonali u b'kont meħud tal-iżvilupp progressiv u l-investiment fis-settur tal-ICT f'Malta
- Il-Gvern jemmen li inizjattivi f'dan il-qasam għandhom jagħtu każ tal-kundizzjonijiet li qed jaħdmu fihom l-intrapriżi żgħar u dawk mikro sabiex jiġi żgurat li jkun hemm sistema li tkun aċċessibbli għal dawn l-intrapriżi f'dak li għandu x'jaqsam ma' spejjeż u ċertezza legali

## Pożizzjoni tal-Gvern dwar il-Programm Leġiżlattiv u ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2009

- Fl-aħħarnett, il-Gvern iħeġġeġ diskussjoni bikrija fuq il-diversi proposti differenti bejn l-iStati Membri u jappella sabiex meta jkunu qed jiġu diskussi miżuri li jridu jittieħdu direttament mill-iStati Membri, is-sitwazzjonijiet speċifiċi u partikolari ta' kull Stat Membru individwali għandhom ikunu kkunsidrati